REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 574/2010

tat-30 ta' Ġunju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 1 u l-IFRS 7

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 [2] ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fis-28 ta' Jannar 2010, il-Bord għall-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ippubblika emenda għall-Istandard Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 1 *Eżenzjoni Limitata minn Żvelar Komparattiv skont l-IFRS 7 għal min Jadotta għall-Ewwel Darba*, minn hawn 'il quddiem "l-emenda għall-IFRS 1". L-għan ta' din l-emenda għall-IFRS 1 huwa li tingħata eżenzjoni fakultattiva lil dawk l-entitajiet li qed japplikaw l-IFRS għall-ewwel darba peress li ġie nnotat li f'każ li l-perjodi komparattivi jagħlqu qabel il-31 ta' Diċembru 2009 dawn l-entitajiet ma jgawdux mill-eżenzjoni fir-rigward ta' dikjarar mill-ġdid tal-iżvelar komparattiv fl-IFRS 7 li jikkonċerna l-istima tal-valur ġust u r-riskji tal-likwidità.

(3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp Tekniku ta' Esperti (TEG) tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) tikkonferma li l-emenda għall-IFRS 1 tissodisfa l-kriterji tekniċi għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/505/KE tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi [Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards] biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtralità tal-opinjonijiet tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar ir-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) [3], il-Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards qies l-opinjoni tal-EFRAG dwar l-adozzjoni u ta parir lill-Kummissjoni li din hija bbilanċata kif xieraq u oġġettiva.

(4) L-adozzjoni tal-emenda għall-IFRS 1 timplika, b'konsegwenza, emendi għall-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 7 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-istandards internazzjonali tal-kontabilità.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 1 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;

(2) L-IFRS 7 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi għall-IFRS 1 u l-IFRS 7, kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda wara t-30 ta' Ġunju 2010.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.
[2] ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.
[3] ĠU L 199, 21.7.2006, p. 33.

ANNESS

STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABILITÀ

IFRS 1	Emenda għall-IFRS 1 *Eżenzjoni Limitata minn Żvelar Komparattiv skont l-IFRS 7 għal min Jadotta għall-Ewwel Darba*
IFRS 7	Emenda għall-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar*

Riproduzzjoni permessa fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Id-drittijiet kollha eżistenti riżervati barra miż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tad-dritt ta' riproduzzjoni għall-użu personali jew għal skopijiet oħra ta' kummerċ ġust. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-IASB fuq www.iasb.org

EŻENZJONI LIMITATA MINN ŻVELAR KOMPARATTIV SKONT L-IFRS 7 GĦAL MIN JADOTTA GĦALL-EWWEL DARBA

(Emendi għall-IFRS 1)

Emenda għall-IFRS 1

Adozzjoni għall-Ewwel darba ta' Standards Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju

Il-paragrafu 39C huwa miżjud.

DATA EFFETTIVA

39C *Eżenzjoni Limitata minn Żvelar Komparattiv skont l-IFRS 7 għal min Jadotta għall-Ewwel Darba,* (Emenda għall-IFRS 1) maħruġa f'Jannar 2010 żiedet il-paragrafu E3. Entità għandha tapplika dik l-emenda għal perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Lulju 2010 jew wara. Hija permessa applikazzjoni abkar. Jekk entità tapplika l-emenda għal perjodu abkar għandha tiżvela dan il-fatt.

Appendiċi E

Eżenzjonijiet mill-IFRSs għal żmien qasir

Żdiedu intestatura, il-paragrafu E3 u nota ta' qiegħ il-paġna.

Żvelar dwar strumenti finanzjarji

E3 Min jadotta għall-ewwel darba jista' japplika d-dispożizzjonijiet tranżitorji fil-paragrafu 44G tal-IFRS 7. (*)

(*) Il-paragrafu E3 żdied b'konsegwenza tal-*Eżenzjoni Limitata minn Żvelar Komparattiv skont l-IFRS 7 għal min Jadotta għall-Ewwel Darba,* (Emenda għall-IFRS 1) maħruġa f'Jannar 2010. Biex ikun evitat l-użu potenzjali tat-tagħlimiet mill-passat u biex jiġi żgurat li min jadotta għall-ewwel darba ma jkunx fi żvantaġġ meta mqabbel ma' min diġà juża l-IFRSs, il-Bord iddeċieda li min jadotta għall-ewwel darba jkun jista' juża l-istess dispożizzjonijet tranżitorji permessi lil min diġà jħejji r-rapporti finanzjarji skont l-IFRSs li huma inklużi fit-*Titjib tal-Iżvelar dwar l-Istrumenti Finanzjarji* (Emendi għall-IFRS 7).

Appendiċi

Emenda għall-IFRS 7

Strumenti Finanzjarji: Żvelar

Il-paragrafu 44G huwa emendat (it-test il-ġdid huwa sottolinjat u t-test imħassar huwa maqtugħ) u impoġġi f'noti ta' qiegħ il-paġna.

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

44G It-*Titjib tal-Iżvelar dwar l-Istrumenti Finanzjarji* (Emendi għall-IFRS 7), maħruġ f'Marzu 2009, emenda l-paragrafi 27, 39 u B11 u żied il-paragrafi 27A, 27B, B10A u B11A-B11F. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għall-perjodi annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2009 jew wara. Entità ma għandhiex għalfejn tipprovdi l-iżvelar meħtieġ mill-emendi għal:

(a) kwalunkwe perjodu annwali jew interim, fosthom kwalunkwe rapport tal-pożizzjoni finanzjarja, ippreżentata f'perjodu annwali komparattiv li jispiċċa qabel il-31 ta' Diċembru 2009, jew

(b) kwalunkwe rapport tal-pożizzjoni finanzjarja hekk kif kienet fil-bidu tal-abkar perjodu komparattiv fi żmien qabel il-31 ta' Diċembru 2009

Hija permessa applikazzjoni abkar. Jekk entità tapplika l-emendi għal perjodu abkar għandha tiżvela dan il-fatt. (*)

(*) Il-paragrafu 44G ġie emendat b'konsegwenza tal-*Eżenzjoni Limitata minn Żvelar Komparattiv skont l-IFRS 7 għal min Jadotta għall-Ewwel Darba,* (Emenda għall-IFRS 1) maħruġa f'Jannar 2010. Il-Bord emenda l-paragrafu 44G biex jikkjarifika l-konklużjonijiet tiegħu u t-tranżizzjoni intenzjonata għat-*Titjib tal-Iżvelar dwar l-Istrumenti Finanzjarji* (Emendi għall-IFRS 7).